MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 25/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**MANUEL ALEXANDER FARRUGIA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Manuel Alexander Farrugia bin Joseph u Victoria imwieled fit-22 ta' Mejju 1980 u residenti "Farrugia House", Foreman Street, Victoria, Ghawdex, (Karta ta' l-Identita Nru 145695 M) gie mressaq quddiemha talli fit-28 ta' Novembru 2003 ghall-habta tal-11.30 p.m. fi Triq Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, saq vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni FBP 016;

1. minghajr il-pjanca tan-numru tar-registrazzjoni mwahhla fuq il-faccata tal-karozza (Reg 34 A.L. 128/94)
2. saq l-istess vettura b'manjiera traskurata
3. saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza
4. saq l-istess vettura b'velocita eccessiva.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe` lil PC 1380 u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 15(1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolamenti 34 u 127 ta' l-Avviz Legali 128/1994;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi;

Tikkundannah ghal canfira fuq l-ewwel akkuza;

Kwantu t-tieni akkuza tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15);

Ma ssibux hati tat-tielet u r-raba akkuzi u kwindi tilliberah minnhom stante il ma gewx pruvati b'mod sodisfacenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------